# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 27 – IT-TLIETA 11 TA' NOVEMBRU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (skużat) |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 26**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-kuntrattur dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tas-servizz tal-iskart goff u dan kien kiteb lura li dakinhar kien ra lill-kuntrattur tal-Kunsill jagħmel użu minn vann li ma kienx Euro 3. Is-SE infurmat li meta kellmet lill-kuntrattur tal-Kunsill, dan kien ikkonferma li kien minnu għaliex kien baqa' ġej minn direttament minn lokalità oħra.

2.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 8.3, il-mera kienet twaħlet.

**3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku informa li wara diskussjonijiet ma' TM, kienet issolviet il-kwistjoni tal-periklu ta' Triq ir-Reġimenti Maltin minħabba l-karozzi tal-linja fejn kienu ħarġa ordni li vettura tistenna f'din it-triq u oħra tistenna ħdejn il-ġnien. Huwa informa li minħabba li dan xorta kien qala' inkonvenjent, fuq insistenza tal-Kunsill, dawn qablu li l-ewwel vettura għandha xorta tgħabbi lil kulħadd. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment tas-Sindku li jsir parkeġġ ieħor għall-karozza tal-linja fi Triq ir-Reġimenti Maltin b'mod immedjat imma kien hemm qbil li l-ewwel ikun hemm perjodu ta' stennija biex jaraw ikunx hemm xi tibdil. Sadanittant kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex nivverifikaw jekk biċċa art fi Triq l-Imtarfa hijiex privata jew le biex filkaż jitmexxa l-*bus shelter* fiha.

3.2 Hawnhekk is-Sindku informa li kienet iddaħħlet l-applikazzjoni għall-*Youth Exchange* mal-Kummissjoni Ewropea. Huwa informa li l-Kunsill għandu jirċievi risposta dwarha lejn żmien il-Milied.

3.3 Is-Sindku informa li s-Sur Stephen Bonello kien offra li jnaddaf ix-xelter li hemm biswit il-parkeġġ fi Triq San David. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lill-entitajiet biex naraw hemmx min joffri aktar għajnuna filwaqt li s-Sindku għandu jagħmel żjara fuq il-post mas-Sur Bonello.

3.4 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara l-possibbiltà li 'l quddiem juża *tracking polls,* aktar u aktar fid-dawl li l-Kunsill qed jipparteċipa fi proġett pilota bil-għan li numru ta' servizzi prinċipali jiġu mtejba.

3.5 Is-Sindku informa li s-sottokumitat tal-attivitajiet kien qed jissuġġerixxi li għal żmien il-Milied jinżammu dawn l-attivitajiet: Ħarġa għall-monti tal-Birgu nhar il-25 ta' Novembru; festin għall-anzjani; ħarġa għaċ-ċinema għat-tfal żgħar u ħarġa għall-bowling għat-tfal ikbar; flimkien ma' żjara lill-presepju ta' Għajnsielem u ikla tal-komunità. Hawnhekk il-Viċi Sindku informa li huwa ma jaqbilx li l-Kunsill jonfoq il-flus mill-allokazzjoni għall-attivitajiet. Hawnhekk is-SE infurmat li dawn l-attivitajiet kellhom ikunu *self-funding* għaliex il-baġit tal-Milied ma kienx jagħmel tajjeb għalihom. Min-naħa l-oħra l-Kunsill, bl-eċċezzjoni tal-Viċi Sindku, qablu li dawn l-attivitajiet għandhom isiru.

3.6 Kien hemm qbil ukoll li l-ikla tal-Kunsill mal-istaff għandha tinżamm il-Ġimgħa 9 jew is-Sibt 10 ta' Jannar 2015.

3.7 Hawnhekk il-Viċi Sindku skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien id-8:40pm.

3.8 Hawnhekk is-Sindku informa li kienet se tinżamm konferenza stampa min-naħa tal-Onorevoli Ian Borg dwar ix-xogħlijiet fil-bosk, wara li bl-għajnuna tiegħu, il-Kunsill kiseb aktar fondi biex ikun jista' jkompli dan il-proġett. Huwa qal li kien se jinforma lill-Kunsill bid-data hekk kif jgħadduhielu.

3.9 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kienx hemm xi aħbar dwar ix-xogħol fuq il-librerija. Is-SE infurmat li kienet kellmet lill-persuna inkarigata u dan kien infurmaha li kellhom pressjoni ta' xogħol minħabba li qalbu għal sistema ġdida u li l-librerija tal-Imtarfa kienet għadha fi ħsiebhom.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li s-SE għandha titlob għal rifużjoni tal-flus tal-Viċi Sindku għal-laqgħa tas-Sindki wara li kienu ħafna li m'attendewx minħabba l-maltemp.

4.3 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Ottubru 2014.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAT-TIELET KWART (LULJU-SETTEMBRU 2014)

5.1 Minħabba li kien wasal l-*accountant,* kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibdel l-ordni tal-aġenda u jiddiskuti din il-materja.

5.2 L-*accountant* ta spjegazzjoni tad-dħulijiet u spejjeż li kellu l-Kunsill matul it-tliet xhur ta' bejn Lulju u Settembru, u informa li l-Kunsill kien għadu għaddej fuq it-triq it-tajba sakemm ma jsirux spejjeż li ma kinux pjanati.

5.3 Hawnhekk saret mistoqsija lill-*accountant* sabiex possibbilment jiżdied il-baġit li kien pjanat għall-attivitajiet tal-Milied, li oriġinarjament kien ta' €500. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jtella' l-ammont tal-allokazzjoni għall-attivitajiet tal-Milied għal massimu ta' €1000.

## 6. MEMO 27/2014 – SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET 2014-2015

6.1 Is-Sindku propona li mis-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jalterna l-organizzazzjoni tal-attività Military Mtarfa sabiex ma la tkun ta' piż fuq il-finanzi tal-Kunsill u lanqas tkun xi ħaġa ripetittiva minn sena għall-oħra.

6.2 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud ma qabilx assolutament ma' din il-proposta u wara diskussjoni kien hemm qbil bejn is-Sindku u l-Kunsilliera Fenech u Bugeja li għandha ssir l-applikazzjoni għall-attività u din l-attività għandha terġa' tiġi diskussa u tittieħed deċiżjoni għandhiex issir jew le. Il-Kunsillier Mifsud baqa' jinsisti li din għandha ssir xorta waħda.

## 7. KORSIJIET GĦAR-RESIDENTI MINN TCTC

7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand TCTC għal numru ta' korsijiet għall-komunità. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta t-talba ta' sussidju.

## 8. KORS GĦAL *DIPLOMA IN PUBLIC GOVERNANCE* GĦAS-SE

8.1 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien qed jorganizza kors għal *Diploma in Public Governance* għas-Segretarji Eżekuttivi kollha. Hija infurmat li dan kien obbligatorju u għaldaqstant ukoll kien ifisser li kien se jkollha tqatta' numru ta' sigħat 'il bogħod mill-uffiċċju bejn Ottubru u Marzu.

## 9. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZJONI MTFLC/Q/07/2014 – TPOĠĠIJA TA' MEJNIJIET GĦAD-DEKORAZZJONIJIET TAL-MILIED

9.1 Il-Kunsill kellu 3 offerti. Kien hemm qbil li għandha tintagħżel l-aktar waħda vantaġġjuża, jiġifieri dik tas-Sur Clinton Borg. Kien hemm qbil ukoll li fid-dawl li uħud mid-dekorazzjonijet tal-Milied tal-Kunsill kienet ġratilhom il-ħsara, is-Sindku u s-SE kien se jippruvaw jaraw li jsir xogħol ieħor min-naħa tal-kuntrattur sakemm ma jinqabiżx il-baġit allokat.

## 10. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA TAL-KNIS MTFLC/T/05/2014 – KNIS TAT-TOROQ

10.1 Kien hemm qbil li għandhom isiru l-intervisti min-naħa tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Fenech lill-kuntratturi kollha. Is-SE fakkret li l-Kunsilliera kollha setgħu jattendu għall-intervisti.

10.2 Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien l-10:10pm.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-maħżen tal-Karnival. Is-Sindku informa li kien għadu qed jistenna li jsir appuntament mal-Ministru konċernat.

11.2 Il-Kunsillier Mifsud staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġett tal-pjazza. Is-Sindku informa li l-perit kien ġab xi kwotazzjonijiet għal *survey* u s-*survey* kien inbeda ladarba kien diġà ġie approvat mill-Kunsill. Huwa informa lill-Kunsill li hekk kif ikollu aktar informazzjoni f'idejh huwa kien se jieħu ħsieb iżommhom infurmati.

## 12. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru fis-7:30pm.

| ________________________ | ________________________ |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |